MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 1469/1999/1

**Joseph u Claire konjugi Borg**

**vs**

**Margaret Deguara u b'digriet tat-22 ta' Novembru, 1999, kunjom il-konvenuta gie mibdul ghal Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fil-11 ta' Ottubru, 1999 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-atturi s-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi u dana meta ilma li dahal minn gol-proprjeta' tal-konvenuta baqa' diehel ghal gor-residenza tal-atturi u kkaguna hsarat f'ghamara u fil-hajt divizorju ta' bejn il-proprjeta' tal-atturi u tal-konvenuta. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

Illi preliminarjament, l-esponenti m'hijiex il-legittima kontradittrici fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq premessi;

Illi minghajr hsara ghall-ewwel eccezzjoni, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Novembru, 1999 fejn innominat lit-tekniku AIC Albert Fenech bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta' l- atturi wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.

Rat illi t-tekniku pprezenta r-relazzjoni tieghu izda baqa' ma rceviex il-hlas minghand l-atturi.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel darba li l-Qorti halliet il-kawza ghal hlas tar-rapport kien fis-27 ta' Gunju, 2002. Minn dakinhar sa l-ahhar differiment meta l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghaddew mill-inqas tminn (8) differimenti, izda minkejja dan l-atturi baqghu ma onorawx l-obbligazzjonijiet taghhom illi jhallsu d-dritt dovut lill-perit tekniku u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza fil-kuntest ta' l-Artikolu 670 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaghti lill-Qorti l-fakulta' li tiddeciedi l-kawza minghajr il-perizja jew indipendentement mill-provi migjuba quddiem il-perit ……"*meta ma jkunx gie mhallas jew iddepozitat id-dritt intaxxat lill-perit skond l-artikolu 666 ……"* Id-dritt tal-perit gie ntaxxat legalment kif titlob il-ligi, izda l-atturi baqghu ma hallsuhx u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi biex tiddeciedi l-kawza skond id-dispost kif fuq inghad.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi l-livell tal-bejt tal-fond tal-konvenuta jinsab erba' filati l-isfel minn taht is-saqaf tal-flat ta' l-atturi. Rrizulta wkoll illi l-hajt divisorju ta' bejniethom jikkonsisti

f’hajt singlu m’ehxen disa’ pulzieri. L-atturi bnew l-ewwel u l-umdita’ fil-hajt divisorju tfacca mill-flat ta’ l-atturi meta sar l-appogg tal-bini tal-konvenuta mal-hajt divisorju. L-atturi qieghdin ighidu illi bil-mod kif gie mibni l-fond tal-konvenuta, minghajr *membrane,* gew ikkawzati hsarat meta tfaccat xi umdita’ fil-hajt divisorju ta’ bejn iz-zewg fondi.

Il-konvenuta qieghda tinnega illi dan seta’ gara, izda biex tevita’ kwalunkwe kwistjoni accettat illi taghmel *membrane* minnahha taghha fl-istess zmien li l-atturi kienu qieghdin jaghmlu taghhom fuq il-bejt. Peress illi l-Qorti m’ghandhiex il-konfort tar-relazzjoni tat-tekniku minnha nominat minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija, mhijiex f’posizzjoni li tiddeciedi min mill-partijiet ghandu ragun, u jekk gew kawzati xi hsarat kienux rizultat ta’ negligenza jew traskuragni da parti tal-konvenuta, u ghalhekk ma tistax tasal biex tghid illi l-atturi lahqu dak il-grad ta’ prova rikjest mill-ligi ghas-success ta’ l-istanza taghhom. Dina hija kawza civili u jekk l-atturi ma jilhqux il-grad ta’ probabilita’ ma jistax ikollhom success. Minhabba n-nuqqas taghhom stess dan il-grad ma ntlahaqx.

Ghalhekk, il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li tichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------